**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta tat-8 ta' Ġunju 2022 fuq talba tal-Onor. David Agius dwar ir-relevanza ta' xhieda msejħa quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Is-Sedja tagħmel referenza għat-talba għal ruling imressqa mill-Onor. David Agius fis-Seduta tas-6 ta' Ġunju 2022 referibilment għal dak li ġara fil-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi li saret fit-2 ta' Ġunju 2022, u nikkwota:

> "Mr Speaker, nixtieq nitlob ruling. Nirreferik għal-laqgħa tal-Public Accounts Committee li saret nhar il-Ħamis li għadda, u allura din hija l-ewwel opportunità biex inressaq hawnhekk din it-talba għal ruling, għalkemm jekk inti ssegwi – u jien ċert li int se ssegwi – dak li ġara fil-Public Accounts Commmittee, tkun tista' tifhem ukoll dak li se ngħid issa.
>
> L-Oppożizzjoni ressqet lista ta' xhieda għall-Public Accounts Committee. It-titlu tagħha kien:
>
> > "Lista ta' xhieda ppreżentata quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi fir-rigward tal-eżami ..."
>
> – nirrepeti "fir-rigward tal-eżami" –
>
> > "... tar-rapport tal-Awditur intitolat 'An Investigation of Matters relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd by Enemalta Corporation'."
>
> L-iskop hawnhekk huwa ċar, Mr Speaker. Però l-Gvern, wara li ressaqna din il-mozzjoni tagħna, għamel kontroemenda, fejn il-Gvern fit-talba tiegħu jgħid:
>
> > "... li tiġi approvata l-lista tax-xhieda kif ippreżentata mill-Oppożizzjoni, b'dan illi l-Kumitat qed jirriżolvi li m'għandu l-ebda problema li jiġu mħarrka x-xhieda kollha li qed jissemmew fil-lista ..."
>
> Jiġifieri m'hemmx problema dwar l-84 persuna u xi oħrajn li jista' jkun hemm, "kif ippreżentata mill-Oppożizzjoni". Però mbagħad il-membri tan-naħa tal-Gvern jgħidu dan:
>
> > "... dment illi kull meta jiġi propost li jiġi mħarrek xhud għandu minn seduta qabel jingħata l-iskop b'mod ċar għalfejn l-istess xhud qed jiġi mħarrek."
>
> Kif qed tifhem tant tajjeb inti, l-iskop huwa ċar – u din għednieha anke fil-Kumitat – li huwa li x-xhieda li jitilgħu quddiem il-Public Accounts Committee jirrispondu fir-rigward ta' dak li hemm fir-rapport tal-Awditur dwar l-ElectroGas. Għalina dak hu l-iskop ta' kull xhud. Mr Speaker, meta staqsejna x'jiġri jekk membri tal-Gvern ma jaqblux ma' dan l-iskop għal dik il-persuna li diġà qablu fuqha, ma kellna l-ebda risposta.

Is-Sedja ħadet nota tat-talba tal-Onor. Agius hawn fuq ċitata. Semgħet ukoll id-dibattitu kollu tal-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi msemmija u fil-qosor se tirriproduċi dak li wassal għat-talba ta' dan ir-ruling.

Fil-konsiderazzjoni tar-rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika dwar l-Electrogas, in-naħa tal-Oppożizzjoni indikat li kellha lista ta' xhieda li kienet beħsiebha ttella' quddiem il-Kumitat, filwaqt li l-Membri min-naħa tal-Gvern fuq il-Kumitat talbu li l-Kumitat jirriżolvi li filwaqt li m'għandu l-ebda problema biex jiġu mħarrka x-xhieda kollha li qed jissemmew fil-lista kif ippreżentata mill-Oppożizzjoni, kull meta jiġi propost li jiġi mħarrek xhud għandu, minn seduta qabel, jingħata l-iskop b'mod ċar għalfejn l-istess xhud qed jiġi mħarrek.

Wara diskussjoni twila bejn il-Membri tal-Gvern u l-Membri tal-Oppożizzjoni, l-Onor. David Agius qal li se jkun qed jitlob ruling mingħand is-Sedja, u nikkwota:

> "Rigward il-Mozzjoni kif emendata min-naħa tal-Gvern sabiex jgħid jekk il-fatt li l-Oppożizzjoni ppreżentat lista ta' xhieda fir-rigward tar-rapport tal-Awditur Ġenerali dwar l-Electrogas huwiex biżżejjed skop biex dawn il-persuni indikati jitilgħu jixhdu. B'dan ukoll il-Gvern m'għandu ebda oġġezzjoni kif iddikjarat fl-emenda mressqa mill-Gvern għall-Mozzjoni tal-Oppożizzjoni rigward il-lista tax-xhieda relatata mal-kuntratt mogħti mill-Korporazzjoni Enemalta, l-Electrogas."

Hawnhekk is-Sedja qiegħda tifhem li r-ruling intalab dwar dak li qed jiġi propost mill-Membri tal-Gvern, u ċjoè jekk għandux ikun hemm ukoll il-kondizzjoni fuq il-lista tax-xhieda mressqa mill-Oppożizzjoni b'mod li għal kull xhud ikun hemm ir-raġuni għalfejn qed jiġi mħarrek, jiġifieri li l-Oppożizzjoni għandha tgħid x'rilevanza għandu tali xhud għal dak li qed jiġi konsiderata mill-Kumitat. Dan sabiex id-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi msejjaħ jew le mill-Kumitat tkun ċara.

Is-Sedja tagħmel referenza għal diversi rulings tal-Ispeaker Michael Frendo fosthom għad-deċiżjoni li s-Sedja tat fil-11 ta' Ottubru tal-2010 dwar kwestjoni li kienet inqalgħet appuntu fil-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi fejn in-naħa tal-Gvern stqarret li kienet kostretta li toħroġ 'il barra mil-laqgħa tal-Kumitat għax dakinhar iċ-Chairman ċaħħdilha d-dritt fundamentali, kif jingħad, li jivvotaw fuq xi ħaġa li kienu qed jipproponu. F'dan ir-ruling is-Sedja kienet għamiltha ċara li dwar taħrik ta' xhieda mill-Kumitat, l-Ordni Permanenti 132 jgħid hekk:

> "Skont l-Ordni Permanenti 132 il-Kumitat għandu "s-setgħa li jħarrek xhieda u li jordna li jinġiebu dokumenti u rapporti quddiemu ... ix-xhieda jistgħu jkunu ordnati biex jattendu permezz ta' mandat maħruġ mill-President tal-Kumitat relattiv u li jiġi ffirmat mill-Iskrivan."
>
> Minn dan joħroġ li għalkemm huwa l-President tal-Kumitat li materjalment u formalment isejjaħ ix-xhieda, is-setgħa li jitħarrku x-xhieda qiegħda f'idejn il-Kumitat. Ir-regolarità *o meno* ta' taħrika ta' xhud għalhekk tiddependi mid-deċiżjoni tal-Kumitat."

L-istess ingħad fir-ruling li ta l-istess Speaker Michael Frendo fis-seduta 277 tat-8 ta' Novembru 2010 fejn is-Sedja tenniet li:

> "Is-Sedja diġà f'ruling tagħha preċedenti tat deċizjoni dwar Ordni Permanenti 132 li tindika bl-aktar mod ċar li kull Kumitat Permanenti għandu l-fakultà, bħala Kumitat, li jsejjaħ

ix-xhieda u li formalment dan isir, wara d-deċiżjoni tal-Kumitat, billi l-President tal-Kumitat joħroġ il-mandat neċessarju. Kienet qalet hekk, u dan terġa' ttennih: "Minn dan joħroġ li għalkemm huwa l-President tal-Kumitat li materjalment u formalment isejjaħ ix-xhieda, is-setgħa li jitħarrku xhieda qiegħda f'idejn il-Kumitat."

> Fid-dawl tal-Ordni Permanenti 21(1) li tispjega li "Ħlief kif provdut xort'oħra fil-Kostituzzjoni, il-kwistjonijiet kollha mressqa għal deċiżjoni fil-Kamra għandhom jiġu deċiżi b'maġġoranza tal-voti tal-Membri preżenti u li jivvutaw", dan ifisser li jekk jintalab vot fuq il-kwistjoni jekk jissejjaħx jew le xhud jew xhieda din tiġi deċiża b'dan il-mod.
>
> Kien abbażi ta' din l-Ordni Permanenti, u b'riflessjoni tagħha, li s-Sedja f'ruling preċedenti spjegat li l-aġenda tal-Kumitat, li hija mfassla mill-President tal-Kumitat, hija suġġetta għal deċiżjoni b'dan il-metodu jekk iqum il-każ li jintalab vot fuqha jew xi parti minnha."

L-istess intqal fir-ruling mogħti wkoll mill-Ispeaker Michael Frendo fis-seduta 474 tas-16 ta' Mejju 2012 dwar kwestjoni mqajma fil-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej meta kienet qed issir id-diskussjoni marbuta ma' Mozzjoni 301 ippreżentata fl-20 ta' April 2012 minn Dr George Vella u minn Dr Luciano Busuttil dwar ir-rappreżentant ta' Malta għall-Unjoni Ewropea Richard Cachia Caruana, fejn f'dak ir-ruling is-Sedja qalet li:

> "Għalhekk dan il-Kumitat, filwaqt li m'għandux il-fakoltà li jivvota fuq il-mozzjoni, jibqagħlu d-dritt li jirregola l-proċedura tiegħu, u li jisma' xhieda skont kif jiddeċiedi hu ... "

Iktar 'il quddiem f'dan ir-ruling, l-Ispeaker Frendo kompla jgħid hekk:

> "L-użu tal-vot maġġoritarju huwa intiż biss fejn assolutament ma jistax jintlaħaq ftehim u allura jkun hemm impasse. Hija fin-natura tad-demokrazija parlamentari li għandu jkun hemm sforz ċar biex ġenwinament jintlaħaq ftehim qabel ma Kumitat imur għal vot fuq kwalunkwe materja. F'dan ir-rigward is-Sedja qed tagħmilha ċara li tirriżerva l-fakoltà tagħha li ma ssostniex aġir mhux dettat mill-ispirtu fuq imsemmi u dan billi teżiġi li l-Kumitat jagħmel proċess u sforz ulterjuri li jkun jikkonsisti f'li jsir dak kollu neċessarju biex ifittex li jintlaħaq ftehim."

Minn dan joħroġ ċar li d-deċiżjoni finali dwar min għandu jissejjaħ bħala xhud għandha tkun tal-Kumitat Parlamentari.

Fir-rigward tal-element rikjest dwar ir-relevanza li għandu jkollu x-xhud għall-kwesjtoni li tkun qed tiġi diskussa, is-Sedja tirreferi għal dak li tara li jixtieq iwassal l-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113), fejn jingħad hekk:

> "Il-Kamra tista' tordna d-dehra quddiemha ta' xhieda u periti biex jagħtu x-xhieda jew il-fehma fuq ħwejjeġ li jkollhom x'jaqsmu jew li jkollhom konnessjoni mal-Gvern ta' Malta, jew fuq ħwejjeġ li l-Kamra jkun jidhirlha illi huwa fl-interess pubbliku li jkollha tagħrif dwarhom."

L-element tar-relevanza għas-suġġett in konsiderazzjoni fir-rigward ta' xhud li jiġi mħarrek toħroġ ukoll mill-*Guide for Witnesses appearing before committees of the House of Commons* tal-Kanada datat Ottubru 2008, fejn f'sezzjoni 4 tal-istess guidelines jingħad b'mod ċar li:

> "Committees regularly invite private individuals, experts, representatives of groups and organisations, lobbyists, public servants and Ministers of the Crown to appear before them in order to elicit information relevant to the study currently under consideration."

L-istess jingħad fid-dokument tal-Canadian Council of Public Accounts Committees bl-isem 'Parliamentary Oversight – Committees and Relationships: Attributes of an Effective Public Accounts Committee' u nikkwota:

> "Committees regularly invite private citizens, experts, representatives of organisations, public servants and Ministers to appear before them in order to elicit information (receive evidence) relevant to the study under consideration."

Dwar l-istess element tar-relevanza, is-Sedja tinnota li dan id-dritt tal-Kumitat li jiddeċiedi dwar liema xhieda għandhom jissejħu ġie applikat waqt id-diskussjoni fil-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej li ssir referenza għaliha fl-aħħar ruling fuq ċitat tal-Ispeaker Frendo, fejn kien hemm appuntu każ ta' oġġezzjoni għal sejħa ta' xhud proprju għal raġuni ta' relevanza. Qiegħed nirreferi għal-Laqgħa 71 tat-12 ta' Ġunju 2012 tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej fejn wara li tqajmu ċertu argumenti miż-żewġ naħat tal-Kamra simili għal dawk li tqajmu fil-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tat-2 ta' Ġunju 2022, kien hemm oġġezzjoni mill-Onor Tonio Borg dwar talba min-naħa ta' Membri tal-Oppożizzjoni biex jitla' jixhed l-ex Ministru u ex Kummissarju John Dalli u nikkwota:

> **"ONOR. LUCIANO BUSUTTIL:** Mela inti taf x'se jwieġeb il-Kummissarju Dalli?
>
> **ONOR. TONIO BORG:** Mela nistgħu nitfgħu x-xibka forsi naqbdu xi ħuta! Aħna fuq il-mozzjoni tagħkom irridu nimxu! L-akkużi kollha li għamiltu fil-mozzjoni huma fuq laqgħat li ġraw wara li l-Kummissarju Dalli kien spiċċa minn ministru għall-affarijiet barranin.
>
> **ONOR. LEO BRINCAT:** Allura qed neħodha formalment li qed toġġezzjonaw. Iva jew le?
>
> **ONOR. TONIO BORG:** Minħabba r-relevanza u l-ħin.
>
> **THE CHAIRMAN:** L-oġġezzjoni hija purament abbażi ta' relevanza u ta' *time constraints* ….
>
> **ONOR. LEO BRINCAT:** Kollox sew, allura hemm oġġezzjoni mis-Sedja u mill-Membri tan-naħa tal-Gvern.

Is-Sedja tinnota li fil-każ li għandha quddiema llum, għad m'hemmx qbil dwar ix-xhieda li għandhom jiġu msejħa għaliex ma' kull sejħa kien hemm marbuta l-kundizzjoni li l-Kumitat ried ikun sodisfatt mir-relevanza ta' kull xhud u nikkwota:

> "**ONOR. ANDY ELLUL:** Aħna m'għandna l-ebda oġġezzjoni, jew m'għandna l-ebda oġġezzjoni għal xi xhud partikolari, jiġifieri se naqblu mal-lista b'riżerva u qed nagħmlu hekk għaliex ma rridux nerġgħu ngħaddu ... Il-lista tax-xhieda napprovawha b'riżerva li ġimgħa qabel irridu ningħataw l-iskop għaliex se jitla' dak ix-xhud. ...
>
> Hemm lista twila ta' xhieda u għalhekk qed ngħidu li f'dan il-każ partikolari, iva, irridu nkunu – ħa nkunu ċari u ma nafx kemm il-darba rrepetejtha – nafu l-iskop ta' kull xhud. Issa jekk ic-Chairperson irid definizzjoni ta' x'inhu l-iskop, bħala avukat se jifhimni żgur. Qed ngħidu li jrid ikun, bir-rispett kollu, relatat ma' dak li hemm mar-rapport li qed jiġi diskuss. It-tema tax-xhud trid tibqa' waħda relevanti."

Għalhekk, fir-rigward tat-talba tal-Onor. David Agius fis-Seduta tas-6 ta' Ġunju 2022, is-Sedja, in konformità mar-rulings li ngħataw fil-passat dwar din l-istess materja, qiegħda tiddeċiedi li fejn ma jkunx hemm qbil, huwa l-Kumitat li finalment għandu jiddeċiedi dwar jekk xhud għandux jitħarrek jew le quddiem l-istess Kumitat.

Kif għamlet f'okkażjonijiet oħrajn is-Sedja tappella għall-bonsens u tagħmel tagħha r-rikjam li kien għamel l-Ispeaker Frendo fuq ċitat li:

> "L-użu tal-vot maġġoritarju huwa intiż biss fejn assolutament ma jistax jintlaħaq ftehim u allura jkun hemm impasse. Hija fin-natura tad-demokrazija parlamentari li għandu jkun hemm sforz ċar biex ġenwinament jintlaħaq ftehim qabel ma Kumitat imur għal vot fuq kwalunkwe materja."

Ir-ruling huwa deċiż.